MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 5/2006/1

**Kunsill Lokali Marsaskala**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Dottor Ramon Rossignaud fil-kwalita' tiegħu ta' Chairman tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, Joseph P. Demicoli fil-kwalita' tiegħu ta' membru tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, Samuel Formosa fil-kwalita' tiegħu ta' membru tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, Waste**

**Serv (Malta) Limited u l-Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Dan hu appell ad istanza tal-intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent minn sentenza mogħtija fl-20 ta' Jannar 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha u li permezz tagħha l-ewwel Qorti fl-ewwel lok illiberat lill-intimati membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, lis-soċjeta intimata WasteServ, lill-Awtorita' intimata, lill-intimat Onor. Prim Ministru u lill-intimat Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhumiex il-leġittimi kontraditturi u ghalhekk is-sentenza appellata ingħatat unikament fil-konfront tal-konvenut Ministru tal-Affarijiet Rurali u tal-Ambjent billi fit-tieni lok ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-imsemmi intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u tal-Ambjent u billi fit-tielet lok laqgħat it-talba tal-Kunsill rikorrenti u ddikjarat li l-ħatra tal-membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u l-komposizjoni tal-istess Bord tilliedi d-drittijiet fundamentali tal-Kunsill Lokali rikorrenti b'mod partikolari fl-appell in kwestjoni numru 322/05 in kwantu d-dritt fundamentali ta' independenza u imparzjalita' ta' qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi skont l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġew leżi u dan b'referenza għall-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u għall-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni u ordnat, bħala rimedju, li l-istess appell għandu jinstema' u jiġi deċiż mit-Tribunal kif kostitwit skond il-provedimenti tal-Att numru X tal-2010 bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimat Ministru tal-Affarijjiet Rurali u l-Ambjent ad eċċezzjoni tal-ispejjeż tal-intimati l-oħra kollha li għandhom jitħallsu mill-Kunsill rikorrenti.

**Ir-rikors promotorju tal-ġudizzju**

**2.** Bir-rikors tieghu tas-27 ta' Jannar 2006 il-Kunsill r-rikorrenti appellat talab lill-ewwel Qorti (a) tiddikjara li ghar-ragunijiet premessi fir-rikors tiegħu l-ħatra tal-membri, il-kompożizzjoni u l-finanzjament tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar fl-appell numru 322/05 li ntavola ir-

rikorrenti tilledi d-dritt fundamentali ta' independenza u imparzjalita' quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi skont artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u (b) tgħaddi biex tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tagħti rimedju xieraq lir-rikorrenti biex id-dritt Kostituzzjonali tiegħu ma jkunx preġudikat fl-appell iċċitat.

**3.** Il-premessi li fuqhom jistrieħu t-talbiet fir-rikors promotorju tal-ġudizzju tal-Kunsill intimat appellat huma s-segwenti:
"Illi fis-seduta tat-22 ta' Settembru, 2005, l-Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) approvat l-applikazzjoni numru PA 02838/03 maghmula mill-Waste Serv Malta Ltd ghal zvilupp fl-impjant ta' Trattament tal-Iskart ta' Sant' Antnin, Marsaskala soggetta ghal numru ta' kondizzjonijiet skond kif jirrizulta mill-permess datat 27 ta' Settembru, 2005 (Dok A) u dan nonostante l-oggezzjonijiet tar-rikorrenti.

"Illi r-rikorrenti ghamel uzu mid-dritt tieghu ta' Appell quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar ai termini tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp u ntavola appell nhar it-22 ta' Ottubru 2005 (Dok B).

"Illi in vista tal-appell tar-rikorrenti quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar gewipprezentati d-debiti risposti miz-zewg kontropartijiet u legittimi kontradditturi quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, ossia l-MEPA fl-1 ta' Dicembru, 2005, u l-Waste Serv (Malta) Ltd nhar il-25 ta' Novembru, 2005.

"Illi r-rikorenti gie notifikat bl-appuntament ta' l-appell 322/05 b'ittra tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar tat-23 ta' Dicembru, 2005 (Dok C).

"Illi l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar hu kostitwit bis-sahha tal-artikolu 14 tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap 356) tal-Ligijiet ta' Malta) li, skond kif kien jaqra fid-data tal-presentata tar-rikors odjern, l-imsemmi Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar kellu jkun maghmul minn avukat u zewg

persuni ohra li kull wiehed jew wahda kellhom jigu nominati mill-President li jagixxi fuq il-parir tal-Ministru responsabbli ghall-ippjanar tal-izvilupp ossija l-intimat Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. L-istess artikolu kien jipprovdi li l-membri tal-Bord setghu jergghu jigu nominati mill-gdid u li kull membru tal-Bord seta' jitnehha mill-President li jagixxi bil-parir tal-Ministru responsabbli ghall-ippjanar tal-izvilupp, ossia l-intimat Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

"Illi s-socjeta' intimata Waste Serv (Malta) Ltd., li intavolat l-applikazzjoni PA 02838/03, ghandha bhala shareholders ewlenin il-"Malta Government Investments Ltd" u l-"Malta Investment Management Company Limited" (Dok D), ossija l-Gvern ta' Malta, u ghandha relazzjoni diretta mal-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent skond l-Organisation Chart ufficjali tal-istess Ministeru (Dok E). Inoltre, skond l-istess Organisation Chart ufficjali tal-Ministeru l-MEPA, li hi parti quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, ghandha relazzjoni indiretta mal-istess Ministeru.

"Illi l-intimat Prim Ministru, l-intimat Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u d-"Director Environmental Policy and Initiatives" fi hdan il-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ripetutament esprimew ruhhom kemm f'laqghat mar-rikorrenti, kemm fil-pubbliku u kemm fil-mezzi tax-xandir favur l-applikazzjoni PA 02838/03.

"Illi inoltre u b'mod sussidjarju l-mod kif il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar hu ffinanzjat skond l-artiklu 15(8) tal-Kap.356 tal-Ligijiet ta' Malta jirrendih Tribunal mhux indipendenti mill-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar, liema Awtorita' hija parti fil-proceduri quddiem l-istess Bord.

"Illi huwa car u manifest li f'mertu ta' appell bhal dak in kwestjoni ghar-ragunijiet varji li gew suesposti, ma tistax tigi assigurata l-indipendenza u l-imparzjalita' li kull Qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha jkollha ai termini tal-artikolu 39(2) tal-

Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.”

**Risposta tal-intimati membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar**

**4.** Illi fir-risposta tagħhom tas-6 ta’ Frar 2006 l-intimati Avukat Dottor Ramon Rossignaud, l-Perit P. Dimech u l-Perit Samuel Formosa fil-kwalita’ rispettiva taagħhom ta’ Chairman u Membri tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ssottomettew:

“Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi l-esponenti mhumiex il-legittimi kontradittturi f’dan l-appell u dan peress li l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, Kapitlu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-artikolu 15(11) tieghu, jipprovdi illi kawza kontra l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ghandha tigi istitwita kontra s-Segretarju tal-Bord u mhux kontra c-Chairman u l-membri li jikkomponu tali Bord.

“Fit-tieni lok jigi eccepit ukoll illi l-esponenti m’ghandhomx interess guridiku f’dawn il-proceduri u li ghalhekk mhumiex il-legittimi kontradditturi. Il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri huwa l-Gvern li ghandu x’jaqsam mal-hatra tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar. Bizzejjed jinghad li, anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrent jinghata ragun minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huma fl-impossibilita’ guridika li jaghtuh ir-rimedju li huwa qed jitlob.

“Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tieni lok u fil-meritu, jigi osservat illi dak li qed jinghad mir-rikorrent mhux korrett peress li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp huwa Bord kwazi gudizzjarju li huwa ghal kollox indipendenti u imparzjali fl-operat tieghu u fil-finanzjament tieghu. Il-Bord ma jiehu struzzjonijiet minghand hadd, lanqas minghand l-Onorevoli Prim Ministru jew minghand l-Onorevoli Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent dwar kif huwa ghandu jiddetermina l-appelli pendenti quddiemu.

Terga’ il-Bord ta’ l-Appell ghandu l-fondi tieghu stess u b’hekk huwa indipendenti minn awtoritajiet ohra.

**5.** Għar-raġunijiet msemmija l-istess intimati talbu li din il-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara li l-kawża ġiet impostata ħażin fil-konfront tagħhom u għalhekk jiġi ordnat li huma jiġu estromessi minn dawn il-proċeduri u fit-tieni tiddikjara li l-esponenti mhumiex il-leġittimi kontraditturi f’dawn il-proċeduri u b’hekk tiġi ukoll ordnata l-liberazzjoni tagħhom u f’każ li ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminarji tal-esponenti jiġu miċħuda, allura jiġu miċħuda t-talbiet kollha tar-rikorrent stante li dak li qed jiġi allegat mir-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tagħhom huwa infondat kemm fil-fatt u fid-dritt.

**Risposta tas-socjeta’ intimata WasteServ Malta Limited**

**6.** Illi fir-risposta tagħhom tat-8 ta’ Frar 2006 is-soċjeta intimata WasteServ Malta Limited wieġbet:

“Illi preliminarjament l-esponenti ma kisret ebda dritt fondamentali tar-rikorrent u l-harsien tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent mhux fdat lill-esponenti daqs kif l-esponenti mhix f’pozizzjoni twiegeb u tirrimedja ghallpretensjonijiet tar-rikorrenti. Ghalhekk, l-esponenti mhix legittima kontradittrici f’dawn il-proceduri u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra rrikorrenti.

“Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghassuespost, ir-rikors promotur gie intavolat intempestivament stante illi sal-mument li l-imsemmi rikors gie intavolat, ir-rikorrenti ma sofrew ebda pregudizzju bbazat fuq il-pretensjonijiet migjuba mill-istess rikorrenti u ghalhekk, anke ghal din ir-raguni, l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

“Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Liberatjiet Fundamentali ma humiex

applikabbli ghall-appell maghmul mir-rikorrent quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ghaliex dan ma jitrattax drittijiet jew obbligi civili tar-rikorrent u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

“Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif hu ormaj accertat mill-gurisprudenza, bord kompost kif hu kompost il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fih innifsu ma jilledix l-imparzjalita’ u indipendenza kif qieghed jippretendi r-rikorrent u xejn ma jzomm lir-rikorrent milli jfittex ir-rimedji ordinarji li jista’ jkollu taht is-sistema guridika legali nostrali. Ghalhekk, it-talba rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

**Risposta tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**7.** Minn naħa tagħha l-intimata l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar wieġbet ir-rikors promotorju tal-ġudizzju kif ġej:
“Illi preliminarjament, l-Awtorita’ intimata mhix il-legittimu kontardittur fil-proceduri odjerni stante illi l-istess Awtorita’ hija parti quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar daqs kemm huwa parti l-Kunsill ta’ Marsascala.

“Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mihiex daqstant iehor il-legittimu kontradittur l-istess Awtorita’ intimata u dan stante illi hija m’ghandha l-ebda rwol la fit-tfassil legislattiv u wisq anqas fil-mod li bih jigu appuntati u mahtura l-membri tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar.

“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar; li ghandu jerga’ jigi ribadit li l-Awtorita’ intimata tersaq quddiemu bhala parti, hu bord amministrattiv li jipprovdi l-possibilita’ ta’ “review” tal-istess decizjonijiet tal-Awtorita’ intimata, u li l-istess Bord, bhal kull bord amministrattiv iehor, jigi mahtur skond procedura adegwata u li tissalvagwardja l-aspetti kollha ta’ smiegh xieraq.

"Illi in vista tal-premess, it-talbiet tal-Kunsill rikorrenti hekk kif dedotti kontra l-Awtorita' esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Kunsill rikorrenti."

**Risposta tal-intimati Avukat Generali, l-Onor Prim Ministru u l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent**

**8.** Finalment wieġbu wkoll l-intimati l-oħra l-Avukat Ġenerali, l-Onor. Prim Ministru u l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u dan b'risposta tat-8 ta' Frar 2006 u dan kif ġej:

**"Legittimu kontradditur**

"Illi preliminarjament, il-Gvern fl-azzjoni odjerna huwa rapprezentat mill-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, ghaldaqstant kemm l-Avukat Generali, kif ukoll l-Onorevoli Prim Ministru m'humiex il-legittimi kontraditturi u dana abbazi tal-artikolu 181B(2) u l-artikolu 181B(1) rispettivament tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**"Rimedju ordinarju**

"Subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, irrikorrent naqas li jezawrixxi r-rimedju ordinarju moghti lilu mill-ligi, inkluz id-dritt li jintavola appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, bil-konsegwenza illi dina l-Qorti ghandha l-fakolta li tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors u dana abbazi ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta (vide "Melita Cable p.l.c. v. l-Avukat Generali et" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar is-16 ta' Jannar 2006, pagni 8 sa 12).

**"L-inapplikabilita' ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea**

“Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikawx ghal kaz odjern stante illi l-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar la huma biex jiddeterminaw xi akkuza kriminali u l-anqas biex jiddeterminaw xi dritt jew obbligu civili spettanti lir-rikorrent. L-approvazzjoni o meno tal-izvilupp mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar huwa fl-interess pubbliku, u ghaldaqstant jippartjeni ghad-dritt pubbliku, u ma jaffetwa ebda dritt civili appartenenti lir-rikorrenti.

**“Ebda ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea**

“Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, in vista tal-mod kif jigi mahtur u kompost il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, ir-rikorrenti ma qed isofri ebda trattament lessiv taht l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6(1) tal Konvenzjoni Ewropea:

(i) Li tkun indipendenti u imparzjali ma jfissirx illi trid tkun bilfors Imhallef jew Magistrat (vide De Wilde, Ooms and Versyp judgement tat-18 ta’ Gunju 1971 Series A No 12 p 41 para 78; Le Compte, Van Leuven and Meyere judgement tat-23 ta’ Gunju 1981 Series A No 43 p 24 para 55).
.
(ii) Fil-kaz “Kenneth Brincat v. l-Avukat Generali et” deciz fl-10 ta’ Jannar 2003, l-Onorabbli Qorti Civili (Kompetenza Kostituzzjonali) f’pagna 45 tosserva illi “fir-rigward talhatra ta’ gudikatur, m’hemm xejn fl-opinjoni ta’ dina il-Qorti li jmur kontra d-drittijiet fundamentali stante li ssir bl-istess mod ta’ kif jinhatar Magistrat jew Imhallef.”

(iii) Fil-kaz Campbell v. Fell deciz fit-28 ta’ Gunju 1984, il-Qorti Ewropea irreteniet illi kien accettabbli illi membri ta’ tribunal dwar id-Dixxiplina fil-Habs ikunu appuntati mill Ministru responsabbli ghall-Habsijiet sakemm dawn ma kienux soggetti ghal istruzzjonijiet mill-Ministru fir-rwol gudikanti taghhom.

(iv) Minn ezami tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ta’ xi ligi ohra, minn imkien ma jirrizulta li l-Gvern ghandu l-fakolta’ li jista’ jordna lill-Bord kif ghandu jittratta u jirregola lmaterja quddiemu.

(v) Finalment, il-Gvern innifsu, bhala istituzzjoni, huwa soggett meta jigi biex jaghmel zvilupp, ghall-istess regoli emenenti mill-Kap.356 u ghaldaqstant il-ligi ma taghti lill-Gvern ebda trattament specjali li jista’ jitfa xi dubju dwar limparzjalita jew indipendenza tal-gudikant.”

**Is-sentenza appellata**

**9.** Fis-sentenza tagħha appellata tal-20 ta’ Jannar 2011 l-ewwel Qorti, wara li irriproduċiet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u tar-risposti fuq imsemmija tal-intimati kollha u ghamlet riassunt tal-fatti u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet għaddiet biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet dwar id-diversi eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati u ddeċidiet il-kawża kif ingħad fil-parti preliminari ta’ din is-sentenza. Għall-aħjar intendiment ta’ din is-sentenza is-sentenza appellata tal-20 ta’ Jannar 2011 qiegħdha tiġi hawn annessa bħal “Anness A“ u għandha titqies bħala parti integrali minn din is-sentenza.

**L-appell tal-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent**

**10.** Mis-sentenza appellata appella l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent b’rikors tal-4 ta’ Frar 2011 u dan peress li ħassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civil tal-20 Jannar 2011. Bir-rikors tal-appell imsemmi l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata msemmija billi (i) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ħelset mill-osservanza tal-ġudizzju l-membri kollha tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, is-soċjeta Waste Serv (Malta) Limited, l-Awtorita’ Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali; u (ii) tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-bqija fejn laqgħet it-talbiet tal-kunsill rikorrenti kontra l-Ministru tal-

Affarijiet Rurali u l-Ambjent u minflok tiċħad l-istess talbiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess kunsill appellat.

**11.** L-aggravji tal-appellant jistgħu jiġu sintetiżżati kif ġej:

**L-ewwel aggravju.** L-appellant f'dan l-ewwel aggravju jeċċepixxi għall-ewwel darba fil-kors tal-proċeduri odjerni n-nuqqas ta' leggitimita' attiva fil-Kunsill appellat u jispjegaha billi jsostni li bħala entita' ta' natura governattiva l-Kunsill appellat ma għandu l-ebda jedd fil-liġi, l-ebda interess ġuridiku neċessarju u wisq anqas *locus standi in judicio* u/jew kapaċita biex iressaq jew jipproponi azzjoni kostituzzjonali u/jew ilment taħt il-Konvenzjoni Ewropeja msejsa fuq ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kontra l-Gvern li minnu huwa stess legalment jaħmel parti.

**12.** Eċċezzjoni ulterjuri tal-appellant sollevata wkoll għall-ewwel darba f'dan l-istadju mill-istess appellant bħala aspett ulterjuri ta' dan l-aggravju hija dik tan-nuqqas ta' interess ġuridiku dirett u attwali tal-Kunsill appellat fil-proponiment tal-azzjoni odjerna u dan peress li l-Kunsill ma jistax jitqies bħala vittma ta' leżjoni ta' xi dritt fundamentali. Inoltre skont l-appellant il-Kunsill appellat jippretendi quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li l-iżvilupp tal-impjant ta' trattament tal-iskart f'Sant Antnin imur kontra l-interess kollettiv tar-residenti ta' Marsaskala u jippretendi li jirrappreżenta dak l-interess kollettiv meta ma għandu ebda tali rappreżentanza skont il-liġi.

**13. It-tieni aggravju.** It-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fl-ilment tiegħu li l-ewwel Qorti eżerċitat ħażin id-diskrezzjoni tagħha tiddeklinax jew le milli teżerċita l-kompetenza kostituzzjonali tagħha stante li jsostni li jeżistu mezzi ordinarji u effettivi ta' rimedju peress li l-ewwel Qorti messha l-ewwel stenniet l-eżitu tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell sabiex tkun tista' fil-konkret u mhux fl-astratt tagħmel apprezzament ta jekk realment il-Bord ikunx eżerċita l-funzjonjiet tiegħu b'mod indipendenti u imparzjali b'mod partikolari meta jittieħed qis tal-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord hi soġġetta għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punt ta' dritt u dan apparti l-ġurisdizzjoni li

għandhom il-Qrati ordinarji li jistħarrġu l-għemil ta' korpi kważi ġudizzjarji biex jistabilixxu jekk l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħhom tkunx ġiet *properly exercised.*

**14. It-tielet aggravju.** Fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni abbinati mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni meta kkonkludiet li l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell kienu intiżi sabiex jiġu determinati drittijiet ċivili spettanti lill-kunsill appellat u liċ-ċittadini li jgħixu fil-lokalita' in kwistjoni.

**Ir-risposta tal-appell tal-Kunsill appellat**

**15.** Permezz ta' risposta tat-28 ta' Frar 2011 il-Kunsill appellat talab li l-appell tal-Ministru appellant jiġi miċħud in toto u li s-sentenza appellata tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Ministru appellant.

**16.** Illi filwaqt li l-Kunsill appellat pprotesta dwar kif l-eċċezzjonijiet tal-illeġittimita' tal-persuna u tan-nuqqas ta' interess ġuridiku ġew sollevati f'dan l-istadju l-Kunsill irritjena li l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna ma setgħetx tiġi sollevata kontra l-Kunsill u dan in vista ta' dak dispost fl-artikolu 786(1) tal-Kap 12 li jipprovdi li l-istess eċċezzjoni ma setgħetx tiġi sollevata kontra amministratur pubbliku bħal ma hu l-Kunsill. Li għandu d-dmir jimxi fl-interess tal-kommunita' bid-dmir li jħares l-ambjent tal-lokalita' tieghu, jagħmel rakkomandazzjonijiet għal jew dwar xi skema ta' ppjanar jew bini, u jagħti pariri dwar deċiżjonijiet li direttament jew indirettament jolqtu l-Kunsill u lir-residenti li jkun responsabbli għalihom.

**Fatti tal-kawza**

**17.** Il-fatti tal-kawża ġew riassunti tajjeb fis-sentenza appellata u għalhekk din il-Qorti ser tipproduċi hawn taħt il-parti saljenti tal-istess sentenza sabiex tiġi faċilitata r-riferenza għalihom:

"Jirrizulta li fit-22 ta' Settembru, 2005, l-Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) approvat l-

applikazzjoni sottomessa mill-WasteServ Malta Ltd sabiex jigi zviluppat impjant ta' trattament tal-iskart f'Sant'Antnin Marsaskala u dan ovvjament taht il-kondizzjonijiet kollha kif imposti mill-imsemmija Awtorita'. Dan il-permess inhareg fis-27 ta' Settembru, 2005. Il-Kunsill rikorrrenti kien oggezzjona ghall-hrug ta' dan il-permess. Fit-22 ta' Ottubru 2005 l-istess kunsill rikorrenti appella mill-imsemmija decizjoni tal-MEPA u dan quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar skond il-provedimenti tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp - Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**18.** **<u>L-ewwel aggravju</u>** tal-appellant fih zewg aspetti: (1) dak tan-nuqqas ta' legittimita' attiva fil-Kunsill appellat in kwantu ma għandu l-ebda jedd fil-liġi, l-ebda interess ġuridiku neċessarju u wisq anqas *locus standi in judicio* u/jew kapaċita biex iressaq jew jipproponi azzjoni kostituzzjonali u/jew ilment taħt il-Konvenzjoni Ewropeja msejsa fuq ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kontra l-Gvern li minnu huwa stess legalment jagħmel parti u (2) in parti ripetittiv tal-ewwel aspett, dak tan-nuqqas ta' interess ġuridiku dirett u attwali tal-Kunsill appellat fil-proponiment tal-azzjoni odjerna peress li l-Kunsill ma jistax jitqies bħala vittma ta' leżjoni ta' xi dritt fondamentali u, in kwantu jippretendi li l-iżvilupp tal-impjant ta' trattament tal-iskart f'Sant Antnin imur kontra l-interess kollettiv tar-residenti ta' Marsaskala u jippretendi li jirrappreżenta dak l-interess kollettiv, l-istess Kunsill ma għandux tali rappreżentanza skont il-liġi.

**19.** Il-Kunsill appellant wieġeb għal dan l-aggravju billi filwaqt li pprotesta dwar kif l-eċċezzjonijiet tal-illeġittimita' tal-persuna u tan-nuqqas ta' interess ġuridiku ġew sollevati f'dan l-istadju f'dan ir-rigward irrimetta ruhu għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti iżda sostna li l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna ma setgħetx tiġi sollevata kontra l-Kunsill in vista ta' dak dispost fl-artikolu 786(1) tal-Kap 12 li jipprovdi li l-istess eċċezzjoni ma setgħetx tiġi sollevata kontra amministratur pubbliku bħal ma hu l-Kunsill li għandu d-dmir jimxi fl-interess tal-kommunita' bid-dmir li

jħares l-ambjent tal-lokalita' tieghu, jagħmel rakkomandazzjonijiet għal jew dwar xi skema ta' ppjanar jew bini, u jagħti pariri dwar deċiżjonijiet li direttament jew indirettament jolqtu l-Kunsill u lir-residenti li jkun responsabbli għalihom.

**20.** In kwantu ghall-kweżit sollevat mill-Kunsill appellat jekk l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna u tan-nuqqas ta' interess ġuridiku jistgħux jiġu sollevati f'dan l-istadju tal-appell, huwa ormai ben stabbilit li dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet huma ta' natura perentorja u huma għalhekk sollevabbli anki f'dan l-istadju tal-appell. F'dan ir-rigward biżżejjed issir riferenza ghas-sentenzi ċitati mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu li magħhom, in kwantu għall-eċċezzjoni tal-illegittimita' tal-persuna tista' wkoll tiżdied is-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell diversament preseduta fl-ismijiet "Joseph Grech v Domenico Savio sive Savio Spiteri et" deċiża fil-25 ta' Mejju 2001 li fiha hemm ukoll riferenza għal sentenza parzjali preċedenti tagħha fl-istess kawża fuq din il-materja.

**21.** Tistax tiġi sollevata fi stadju ta' appell l-eċċezzjoni tal-karenza ta' interess ġuridiku mill-parti li tkun naqset tissollevaha fil-prim istanza tista' tkun diskutibbli[1] iżda ormai jidher li ma hemmx dubbju li din l-eċċezzjoni hi sollevabbli mill-Qorti *ex ufficio*[2].

**22.** Din il-Qorti, għalhekk, issa ser tinvesti l-eċċezzjonijiet tal-illeġittimita' tal-persuna tal-Kunsill appellat kif ukoll ser tinvesti in-nuqqas ta' interess ġuridiku o meno tal-istess Kunsill fl-azzjoni odjerna.

**23.** Il-Kunsill appellat ikkontrasta l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna billi għamel riferenza għal dak provdut fl-artikolu 786(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi *inter alia* li l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem

---

[1] Ara per eżempju is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) Fogg Insurance Agencies Limited noe v Raymond Azzopardi, 25 Frar 2004

[2] Ara Q App Anthony Bezzina noe v Direttur tal-Kuntratti et, 27 ta' Marzu 2009; ara wkoll App Inf Kevin Chircop v Joseph Chircop, 28 Jannar 2004; Qorti Prim Awla Improved Design Limited v Antoine Grima, 4 Marzu 2004; App Inf Veronique Gauci et v Marco Zammit et, 19 Mejju 2004;

jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra "… kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor.[3]"

**24.** Sabiex, iżda, ma tkunx tista' tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna kif previst fl-artikolu 786(1) tal-Kap 12 abbinat mal-artikolu 180(1)(a) tal-istess Kap il-persuna li tħarrek jew titħarrek trid tkun qed tħarrek jew titħarrek in konnessjoni mal-amministrazzjoni li tagħha tkun amministratur. Fil-każ odjern, iżda, l-Kunsill rikorrent appellant ma hux qiegħed iħarrek in konnessjoni mal-amministrazzjoni li ġiet vestita fih bil-liġi iżda qiegħed iħarrek sabiex jimpunja fuq bażi kostituzzjonali l-independenza u l-imparzjalita' tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u dan in vista tal-mod kif jiġu maħtura l-membri tal-istess Bord, il-kompożizzjoni tal-istess Bord u l-finanzjament tiegħu. Ebda parti minn din il-materja ma taqa' taħt l-amministrazzjoni vestita fil-Kunsill u għalhekk tista', u anzi hu meħtieġ, li tiġi investita l-eċċezzjoni tal-appellant dwar l-illeġittimita' tal-persuna tal-Kunsill sabiex jiġi stabbilit jekk l-istess Kunsill għandux il-kapaċita' legali neċessarja sabiex iġib 'il quddiem l-azzjoni odjerna.

**25.** Ser l-ewwel tiġi eżaminata l-pożizzjoni skont l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319). L-artikolu 2 tal-istess Att ifisser il-kelma "persuna" bħala li "tinkludi kull persuna fiżika, organizzazzjoni li ma tkunx governattiva, jew grupp ta' individwi". Din it-tifsira tikkorrispondi kelma b'kelma ma' dak provdut fl-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jipprovdi li:

"The Court may receive applications from any person, non-governmental organization or group of individuals claiming to be the victim of a violation by one of the High Contracting Parties of the rights set forth in the Convention or the Protocols thereto. The High Contracting Parties undertake not to hinder in any way the effective exercise of this right." (sottolinear tal-Qorti).

[3] Ara Art. 180(1)(a) tal-Kap 12

**26.** Il-Qorti Ewropea[4] kostantement irriteniet li awtortiajiet deċentralizżżati ta' li Stat li jeżerċitaw funzjonijiet pubbliċi kienu prekluži milli jadixxu lill-Qorti b'ilment li kienu vittmi ta' leżjoni ta' dritt fundamentali taħt il-Konvenzjoni in vista ta' dak previst fl-artikolu 34 msemmi peress li tali entitajiet ma setgħux jitqiesu bħala "non-governmental organization", u dan anki meta jippretendu li jaġixxu bħala entita' privata.

**27.** Huwa minnu li t-tifsira ta' "persuna" fl-artikolu 2 tal-Kap 319 tidher li hi waħda inklużżiva u mhux neċessarjament waħda eżawrjenti u dan għaliex tibda bil-kelma "tinkludi", iżda tenut kont tal-fatt li l-istess Kap ġie promulgat sabiex Malta tagħti effett lill-obbligi tagħha taħt il-Konvenzjoni Ewropea ma jidhirx li kien il-ħsieb li titwessa' l-firxa ta' persuni li jistgħu jinvokaw il-protezzjoni tad-drittijiet rikonoxxuti fil-Konvenzjoni. Anzi, il-ħsieb jidher li kien sabiex il-persuni li jistgħu jadixxu lill-Qorti Ewropea taħt l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni, u għalhekk, skont il-ġurisprudenza tal-istess Qorti ad esklużjoni ta' entitajiet governattivi lokali, jingħataw rimedju domestiku xieraq li jkunu obbligati jeżawrixxu domestikament qabel jadixxu lil dik il-Qorti.

**28.** Dan huwa wkoll konformi mal-iskop ewlieni ta' *Bill of Rights* li storikament kien intiż bħala t-tarka taċ-ċittadin kontra l-interferenzi u l-eċċessi tas-sovran jew tal-awtorita' pubblika u sabiex jipprovdi rimedju fil-konfront tal-awtorita' pubblika fejn din tilledilu, jew f'ċerti ċirkostanzi tonqos milli tħarislu, d-drittijiet fondamentali tiegħu.

**29.** Ma hemmx dubbju li l-istess raġionament japplika wkoll għall-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta li wkoll jinkorpora fih il-*Bill of Rights* ta' kull persuna f'Malta. Hekk kif il-Kostituzzjoni tipprovdi għal organizzazzjoni tal-Istat Malti u tirregola r-relazzjonijiet ta' bejn id-diversi setgħat li flimkien jagħmlu l-Istat, il-Kostituzzjoni tirregola wkoll ir-relazzjonijiet bejn l-individwu u l-Istat u d-drittijiet tal-individwu fil-konfront tal-Istat. Ikun assurd li wieħed

[4] Appl Adm Danderyds Kommun v Sweden, 7 June 2001 u d-deċiżjonijiet hemm ċitati; ara wkoll Qorti PA (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) Kunsill Lokali Kirkop v Avukat Generali et., 20 Ottubru 2008

jaħseb li l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, l-istrument li jaħseb għall-organizzazzjoni tal-Istat u li jvesti lill-Istat bis-setgħat kollha neċessarja għat-twettiq tas-sovranita' tiegħu, seta' kien intiż biex jagħti lill-Istat ħarsien mill-għemil tiegħu stess. Ikun ugwalment assurd li wieħed jaħseb li l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jista' jkun intiż sabiex ivesti lid-diversi emanazzjonijiet u manifestazzjonijiet tal-Istat bi drittijiet invokabbli fil-konfront tal-Istat li minnu jirċievu s-setgħat tagħhom u li tiegħu huma jifformaw parti integrali minnu u jikkondividu miegħu s-setgħat tal-Istat.

**30.** Għar-raġunijiet premessi l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-każ aktar milli si tratta ta' sempliċi eċċezzjoni proċedurali ta' illeġġittimita' tal-persuna teżisti addirittura fil-konfront tal-Kunsill appellat karenza ta' azzjoni.

**31.** Tenut kont tal-konklużjoni hawn raġġunta ma hemm ebda ħtieġa li din il-Qorti tindirizza l-aggravji l-oħra tal-appellant.

**Decide**

Ghall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanti Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ħelset mill-osservanza tal-ġudizzju l-membri kollha tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, is-soċjeta' WasteServ (Malta) Limited, l-Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali u tħassarha fejn laqgħet it-talbiet tal-Kunsill rikorrenti appellat kontra l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u minflok tiċħad l-istess talbiet.

Peress li l-eċċezzjoni li ġiet milqugħa tqajjmet biss f'dan l-istadju ta' appell, fic-cirkostanzi tal-każ l-ispejjeż ġudizzjarji taż-żewġ istanzi, ad eċċezzjoni tal-ispejjeż tal-intimati l-oħra kollha barra tal-intimat appellant li għandhom jitħallsu mill-Kunsill appellat, jibqgħu mingħajr taxxa b'dan illi d-dritt tar-Registru tal-istess żewg istanzi jkunu a karigu tal-intimat appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------